

**DEĊIŻJONI (UE) 2020/1735 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tat-12 ta' Novembru 2020****li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2020/55)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/440 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/17) <sup>(1)</sup> tistabbilixxi programm temporanju ta' xiri ta' emerġenza fil-każ ta' pandemija (PEPP) għall-finijiet tal-politika monetarja.
- (2) Kif huwa l-każ għal dawg l-istrumenti mixtrija bħala parti mill-programm ta' xiri ta' assi tas-settur pubbliku minn swieq sekondarji stabbilit mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/188 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/9) <sup>(2)</sup>, l-istrumenti ta' dejn maħruġa minn gvernijiet ċentrali, reġjonali jew lokali u aġenziji rikonoxxuti u strumenti ta' dejn sostituti maħruġa minn korporazzjonijiet pubbliċi mhux finanzjarji li jinxtraw bħala parti mill-PEPP stabbiliti skont id-Deċiżjoni (UE) 2020/440 (BĊE/2020/17) għandhom jitqiesu li jiġġeneraw dħul fbir-rata ta' referenza ddefinita fid-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/36). <sup>(3)</sup>
- (3) Assi assenjabbli għid ġie stabbilit biex tiġi żgurata konsistenza fi ħdan l-iskema tad-dħul monetarju.
- (4) Il-Kunsill Governattiv iddeċieda fl-24 ta' Ġunju 2020 li faċilitajiet li jipprovdu likwidità f'euro minn banek ċentrali tal-Eurosistema ma' banek ċentrali mhux tal-Eurosistema għandhom jiġu stabbiliti bħala parti mill-miżuri ta' risposta tal-BĊE għall-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-marda tal-coronavirus tal-2019 (COVID-19). Id-dħul iġġenerat mill-operazzjonijiet li jipprovdu likwidità f'euro lill-banek ċentrali mhux tal-Eurosistema għandu jiġi kondiviż bejn il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati membri li l-munita tagħhom hija l-euro bħala parti mill-iskema ta' dħul monetarju u l-bilanċi rilevanti għandhom jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' assi assenjabbli stabbilita fid-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36).
- (5) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36) għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Emendi**

Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36) hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 3(1)(b)(iii) huwa mibdul b'dan li ġej:

“(iii) strumenti ta' dejn maħruġa minn gvernijiet ċentrali, reġjonali u lokali u aġenziji rikonoxxuti u strumenti ta' dejn sostituti maħruġa minn korporazzjonijiet pubbliċi mhux finanzjarji miżmuma għall-finijiet tal-politika monetarja taħt id-Deċiżjoni (UE) 2020/188 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/9) <sup>(\*)</sup> jew id-Deċiżjoni (UE) 2020/440 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/17) <sup>(\*\*)</sup>.”

<sup>(\*)</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2020/188 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Frar 2020 dwar programm ta' xiri ta' assi tas-settur pubbliku minn swieq sekondarji (BĊE/2020/9) (ĠU L 39, 12.2.2020, p. 12).

<sup>(\*\*)</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2020/440 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Marzu 2020 dwar programm temporanju ta' xiri ta' emerġenza fil-każ ta' pandemija (BĊE/2020/17) (ĠU L 91, 25.3.2020, p. 1).”;

2. L-Anness II huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2020/440 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Marzu 2020 dwar programm temporanju ta' xiri ta' emerġenza fil-każ ta' pandemija (BĊE/2020/17) (ĠU L 91, 25.3.2020, p. 1).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2020/188 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Frar 2020 dwar programm ta' xiri ta' assi tas-settur pubbliku minn swieq sekondarji (BĊE/2020/9) (ĠU L 39, 12.2.2020, p. 12).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Novembru 2016 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36) (ĠU L 347, 20.12.2016, p. 26).

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Hija għandha tapplika mill-31 ta' Diċembru 2020.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-12 ta' Novembru 2020.

*Il-President tal-BĊE*  
Christine LAGARDE

---

## ANNEX

L-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36) hija emendata kif ġej:

1. fit-Taqsima A, jiddaħħal il-paragrafu 9a li ġej:

“9a. Bilanċi relatati ma’ imġax akkumulat fuq kupuni fuq titoli indeboliti miżmuma għall-finijiet tal-politika monetarja (bl-eċċezzjoni ta’ imġax akkumulat fuq kupun fuq kwalunkwe titoli indebiliti msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 3 (1) ta’ din id-Deċiżjoni) (parti mill-partita ta’ assi 11.5 tal-HBS).”

2. fit-Taqsima A, qed jiżdied il-paragrafu 11 li ġej:

“11. Pretensjonijiet kontra banek ċentrali mhux tal-Eurosistema li huma relatati ma’ operazzjonijiet li jipprovdu likwidità (parti tal-partita tal-assi 4.1 tal-HBS jew parti minn assi mhux fuq il-karta tal-bilanċ).”

---